MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2013

Numru. 778/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Keith Vassallo ta' 28 sena iben Gerolamo u Josephine nee Cassar, imwieled Pieta nhar 29/10/1985 u residenti 21, Notre Dame, Triq tal-Providenza, Siggiewi detentur tal-karta tal-identia numru 538185(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fil-15 ta' Lulju, 2013 u jew fil-perjodu ta' qabel din id-data fl-inhawi ta' Marsascala, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe ghamara u affarijiet domestici relatati ma residenza liema serq li sar ghad-detriment ta' Rachel Cauchi mill-

Floriana u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Ewro 2397.37 u bil-lok.

U finalment qieghed jigi akkuzat talli irrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati minn dawn il-Qrati ta’ Malta b’sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula. :

Rat id-dokumenti esebiti;
Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi kkopera bis-shih mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet, iddispjacieh ghall-akkadut u irritorna l-oggetti mehuda minnu lill-;arte leza u ha hsieb illi l-ghamara u l-oggetti kollha regghu tqeghdu f’posthom ezattament kif kienu qabel l-akkadux a spejjez tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267 49, 50 u 289tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zimen sentejn mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din l-Ordni ta’ Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f’din l-ordni jew jekk huwa

jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Finalment tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghad lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------